## 4 ta' Ottubru, 1955

Imħallef:
Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.

Maġistrat Dr. Vincenzo Refalo et. *versus* Alfred Cini

### Kuntratt Kummerċjali — Lokazzjoni — Purgazzjoni tal-Mora — Kondizzjoni Riżoluttiva Taċita — Art. 3 u 121 tal-Kodiċi tal-Kummerċ, u art. 1659 (2)tal-Kodiċi Ċivili

***Il-Kodiċi tal-Kummerċ jiddisponi espressament illi f'affarijiet kummerċjali tgħodd il-liġi kummerċjali; fejn il-liġi ma tiddisponix jgħodd l-użu tal-kummerċ; u fin-nuqqas ta' dan l-użu tgħodd il-liġi ċivili.***

***Għaldaqstant, b'dispożizzjoni espressa tal-liġi, meta hemm il-liġi tal-kummerċ ma tistax tiġi applikata dispożizzjoni kuntrarja tal-liġi ċivili. Konsegwentement, billi l-liġi tal-kummerċ, fl-art. 121, tiddisponi illi l-kondizzjoni riżoluttiva taċita tħoll il-kuntratt "ipso jure", u illi l-Qorti ma tistax tagħti żmien għall-purgazzjoni tal-mora, il-Qorti ma tistax, fil-każ ta' lokazzjoni kummerċjali, takkorda dik il-purgazzjoni tal-mora billi tapplika l-art. 1659(2) tal-Kodiċi Ċivili; għaliex din id-dispożizzjoni kienet tkun tista' biss tiġi applikata kieku ma kienetx teżisti l-imsemmija dispożizzjoni ta' l-art. 121 tal-Kodiċi tal-Kummerċ.***

Il-Qorti;

Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-atturi, wara li ppremettew li in forza ta' skrittura privata tal-20 ta' Lulju 1954 (dok. A) huma krew lill-konvenut il-fond konoxxut bħala "Villa Refalo", Attard, adibit mill-konvenut bħala lukanda bl-isem "Royal Hotel", bil-kera ta' £400 fis-sena li jitħallsu trimestralment bil-quddiem, u għall-perijodu ta' tmien snin di fermo u tmien snin di rispetto mill-1 ta' Settembru 1945; u illi l-konvenut ma ħallasx it-trimestru tal-kera dovut bil-quddiem mill-1 ta' Marzu 1955; talbu, premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji, u senjatament dik li mħabba inadempjenza da parti tal-konvenut hemm lok għax-xoljiment tal-kuntratt tal-lokazzjoni tal-fuq imsemmi fond "Royal Hotel", Attard, imħabba inadempjenza tal-konvenut għall-pagament

tal-kera, li l-konvenut ikun kundannat li jiżgombra l-istess fond fi żmien li jiġi lilu prefiss minn dina l-Qorti; u l-istess konvenut jiġi kundannat iħallas bħala danni somma korrispondenti għall-okkupazzjoni indebita ta' l-istess fond, a bażi ta' £400 fis-sena, mill-1 ta' Ġunju 1955 sal-ġurnata ta' l-iżgumbrament effettiv. Bl-interessi kummerċjali u bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-konvenut espona, fid-dikjarazzjoni tiegħu u oralment waqt it-trattazzjoni tal-kawża, illi d-dispożizzjoni tal-art. 1659 (2) tal-Kodiċi Ċivili ma ġietx imneħħija bid-dispożizzjoni tal-art. 121 tal-Kodiċi Kummerċjali, għaliex huwa magħruf u paċifiku li fil-konkors ta' żewġ dispożizzjonijiet, waħda ta' natura ġenerali u *l-oħra ta' natura speċjali* għandha tipprevali din ta' l-aħħar; u in sostenn tal-allegazzjoni tiegħu iċċita sentenza tal-Onorabbli Qorti ta' l-Appell in "Holland vs. La Rosa" (3 Diċ. 1954);

L-atturi jmorru kontra l-pretensjoni tal-konvenut, u jissottomettu *illi bl-introduzzjoni tad-dispożizzjoni* ta' l-art. 121 fil-Kodiċi Kummerċjali ġiet imneħħija lill-Qorti l-fakoltà li tagħti ż-żmien għall-purgazzjoni tal-mora f'każ ta' inadempjenza fil-kuntratti kummerċjali kollha, nonostanti dispożizzjonijiet kuntrarji fil-liġijiet oħra mhux kummerċjali; għaliex eċċezzjoni għal din ir-regola enunċjata fl-imsemmi artikolu 121 *tal-Kodiċi Kummerċjali tista'* tiġi magħmula biss f'liġi kummerċjali speċjali sopravenjenti. Jagħmlu enfasi fuq il-fatt illi l-imsemmija dispożizzjoni ta' l-art. 121 tal-Kodiċi Kummerċjali mhix emenda għall-Kodiċi Ċivili, imma dispożizzjoni ġdida fil-Kodiċi tal-Kummerċ;

Ikkunsidrat;

Illi huwa veru li fil-konkors ta' żewġ dispożizzjonijiet, waħda ta' natura ġenerali u l-oħra ta' natura speċjali, għandha tipprevali din ta' l-aħħar; dana, iżda, hu veru bħala regola; l-għaliex jista' wkoll jissuċċiedi l-kuntrarju, billi huwa

risaput illi, fil-waqt li liġi speċjali tidderoga dejjem għall-liġi ġenerali, għaliex f'każ ta' liġi speċjali l-motivi partikulari sopravenjenti jew skoperti, li mħabba fihom tiġi stabbilita l-liġi speċjali, jeskludu dejjem il-motiv ġenerali f'dak l-istess każ jew f'dik l-istess materja, għall-kuntrarju, il-motivi tal-liġi ġenerali sopravenjenti jistgħu jikko-eżistu mal-motivi partikulari tal-liġi speċjali pre-eżistenti, imma jistgħu anki jeskluduhom, billi jkunu in kontradizzjoni mal-prinċipji fondamentali tal-liġi l-ġdida. U dan jissuċċiedi meta ikun hemm inkompatibilità assoluta tad-dispożizzjoni speċjali mal-prinċipji ntrodotti bil-liġi l-ġdida (Pacifici Mazzoni. Vol. I, paġ. 285 u 286); u dan jagħti lok għal abrogazzoni taċita tal-liġi speċjali;

Din l-inkompatibilità assoluta tal-liġi speċjali fil-każ preżenti, mal-prinċipju fondamentali ntrodott bil-liġi ġenerali sopravenjenti, hija ċara biżżejjed, imma jistgħu jiċċarawha aktar it-tifsir li l-promotur tal-liġi l-ġdida għamel meta kienet tinsab quddiem l-Assemblea Leġislativa fl-istadju tal-kumitat u dak li jingħad a propożitu ta' din il-liġi ġdida fil-Kodiċi tal-Kummerċ fin-"Note di Diritto Commerciale Maltese" dettati mill-istess promotur tal-liġi, li għal żmien twil okkupa egreġjament il-kattedra tad-Dritt Kummerċjali fl-Università ta' Malta;

Illi, mbgħad, kif sewwa ssottomettew l-atturi, billi d-dispożizzjoni ġdida mhix emenda tal-Kodiċi Ċivili, imma dispożizzjoni ġdida ntrodotta fil-Kodiċi Kummerċjali bl-art. 8 tal-Att Nru. XIV tal-1933, hemm minn naħa waħda liġi kummerċjali, u minn naħa oħra liġi speċjali ċivili li ma tista' qatt tneħħi l-applikazzjoni ta' liġi kummerċjali, li tista' tiġi mwarrba biss, jekk ta' natura ġenerali, b'dispożizzjoni kuntrarja speċjali sopravenjenti ta' liġi kummerċjali;

Illi, inveru, anki meta fil-liġi kummerċiali ma ikunx hemm dispożizzjoni speċjali li tistabbilixxi l-fonti tad-Dritt Kummerċjali u tindika l-preċedenza rispettiva ta' waħda fuq l-oħra, it-tagħlim huwa fis-sens illi r-regoli applikabbli għall-affarijiet kummerċjali jiġu meħudin minn tliet sorġenti prinċipali, u ċjoè, l-ewwel, mill-Kodiċi tal-Kummerċ u mill-liġijiet u regolamenti analogi, mbgħad mill-konswetudinijiet merkantili applikati għal dak kollu li għalih ma jkunux

ipprevedew l-imsemmijin liġijiet u regolamenti, u fl-aħħarnett mid-Dritt Komuni aboraċċjat mill-kodiċijiet l-oħra f'dak kollu li hu applikabbli għal kummerċ u li ma jkunx ġie mill-liġi tal-kummerċ modifikat;

Illi fil-liġi kummerċjali tagħna hemm dispożizzjoni espressa appozita. L-art. 3 tal-Kodiċi tal-Kummerċ espressament jindika mhux biss il-fonti, imma anki l-ordni tagħhom ta' preċedenza, billi jiddisponi:— "F'affarijiet ta' kummerċ tgħodd il-liġi tal-kummerċ; iżda fejn din il-liġi ma tiddisponix, jgħodd l-użu tal-kummerċ; u fin-nuqqas ta' dan l-użu tgħodd il-liġi ċivili;

Illi għalhekk, b'dispożizzjoni tal-liġi espressa, meta hemm il-liġi tal-kummerċ, fil-każ preżenti dik kontenuta fl-art. 121 tal-istess Kodiċi, ma tistax tiġi applikata dispożizzjoni kuntrarja tal-liġi ċivili, fil-każ preżenti dik kontenuta fl-art. 1659 (2) tal-Kodiċi Ċivili; għaliex l-ewwel tiġi l-liġi kummerċjali, mbgħad l-użu merkantili; u l-liġi ċivili tiġi l-aħħar, fin-nuqqas tal-liġi u tal-użu kummerċjali; u kwindi meta f'dan in-nuqqas tiġi applikata l-liġi ċivili bħala fonti sussidjarja għal xi kuntratt li għalih ma jinstabx kapitolu speċjali fil-liġi kummerċjali, per eżempju il-vendita, il-lokazzjoni, il-fidejussjoni, jekk dina tkun tikkontjeni xi dispożizzjoni inkompatibbli mad-dispożizzjoni tal-liġi kummerċjali, dik id-dispożizzjoni ma tiġix applikata, għaliex tkun ta' ostakolu għaliha d-dispożizzjoni tal-liġi kummerċjali; billi l-istess liġi kummerċjali, fl-imsemmi art. 3, espressament tgħid li trid tkun l-ewwel, u li għandha tiġi applikata hija u mhux regola kuntrarja tad-Dritt Ċivili;

Illi għaldaqshekk, data d-dispożizzjoni tal-art. 121 tal-Kodiċi tal-Kummerċ, fis-sens li l-kondizzjoni riżoluttiva taċita tħoll il-kuntratt "ipso jure" u l-Qorti ma tistax tagħti żmien lill-konvenut sabiex jiġi meħlus milll-mora, u data d-dispożizzjoni tal-art. 3 tal-istess Kodiċi, fis-sens illi, meta hemm liġi kummerċjali, hija dik li tgħodd għal affarijiet tal-kummerċ, il-Qorti ma tistax tagħti lill-konvenut żmien għall-purgazzjoni tal-mora bis-saħħa tad-dispożizzjoni ċitata tal-liġi ċivili; għaliex dina kienet tkun tista' tiġi applikata biss kieku ma kienetx teżisti l-imsemmija dispożizzjoni tal-art. 121 tal-Kodiċi tal-Kummerċ;

Tikkunsidra;

*Omissis;*

Għaldaqshekk;

Tiddeċidi adeżivament għat-talbiet tal-atturi; u għall-finijiet tat-tieni talba tippreffiġġi lill-konvenut li mistax il-ġurnata żmien *mil-lum biex* jiżgombra l-fond indikat fl-att taċ-ċitazzjoni;

L-ispejjeż jitħallsu minn għand il-konvenut.